# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI
## (GIA' QORTI TAL-KUMMERC)

**IMHALLEF**

**ONOR.JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn 29 ta' Marzu, 1999**

**Numru 4**

**Citaz. numru 668/79 F (K) CIV**

**John Saliba bhala direttur u in rapprezentanza ta' "Salina Bay Hotel Company Limited"**

**vs**

**Alfred Zarb**

**Il-Qorti,**

Rat ic-Citazzjoni tal-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u moghtija kull provvediment opportun.

Premess illi il-konvenut kien impjegat mis-socjeta' attrici bhala storekeeper ghal dawn l-ahhar erba' snin u nofs, sa Dicembru 1978;

U premess illi imhabba abuzi, negligenza, u qerq, ikawza danni sostanzjali lis-socjeta' attrici, billi nstabu nuqassijiet fl-istocks tal-istore, li ghalih kien responsabbli hu;

U premess illi l-konvenut b'malizja u bi fraudi ta' drittijiet tas-socjeta' attrici kien jircievi konsenji anqas min dawk ordnati jew indikati minnu li gew ricevuti, mentri s-socjeta' attrici tkun hallset a bazi tal-invoices;

U premess li bi ftehim ma diversi fornituri kien a skepitu tad-ditta attrici jawmenta il-prezijiet jew jirranga biex jigu awmentati il-prezzijiet ta' diversi oggetti konsenjati u li ghalihom id-ditta attrici halset;

U premess illi l-imsemmi konvenut accetta illi bhala konsegwenzi tal-qerq tieghu, is-socjeta' attrici sofrit danni sostenzjalissimi;

Il-konvenut talab li:

Ghal ragunijiet premessi jigi kundannat min din il-Qorti li jhallas is-socjeta' attrici in linea dik is-somma li tigi liquidata min din il-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi, prevja id-dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjes komprisi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Lulju 1979, u l-mandat ta' impediment u qbid tal-24 ta' April 1979 kontra l-konvenut.

Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Zarb fejn eccepixxa:

1. Illi da parti tal-eccipjent ma kien hemm l-ebda abbuz u qerq a dannu tas-socjeta' attrici

2. Illi l-allegata ammissjoni hija inveritjera u nulla imhabba vizju tal-kunsens

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-lista tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta, rat id-deposizzjonijiet mismugha mill-periti gudizzjarji nominati mill-Qorti kif diversament prejeduta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat fl-ewwel lok it-talba maghmulha mid-difensur tal-konvenut kif kontenuta fil-verbal ta' l-ahhar seduta koncernanti l-isfilz ta' parti mix-xhieda nkorporata fl-atti tal-kawza. Wara li semghet it-trattazzjoni ta' din it-talba u hadet ukoll debitu kont tar-risposta ta' l-attur, il-Qorti jidrilha li ma tistax tilqa' l-istess talba u qeghda ghalhekk tichadha. Deher mill-atti li din il-kawza

ghamlet zmien timxi u tinstema' flimkien m'ohra istitwita mill-attur nomine kontra Tarcisio Gatt u relativa ghall-istess vicenda.

Il-kawza l-ohra marret dezerta u parti mix-xhieda hemm moghtija inghatat hemmhekk b'konnessjoni wkoll ma din il-kawza. Kwindi, it-talba tal-konvenut ghall-isfilz mhix gustifikata. Naturalment, dan maghdud, il-Qorti sejra ssejjes il-motivazzjonijiet taghha fuq id-deposizzjonijiet kollha moghtija u ser izzomm quddiem ghajnejha, ghal din il-fini, dik il-parti mix-xhieda li tista' tolqot din il-kawza u mhux l-ohra kontra Tarcisio Zarb. Jigi wkoll rilevat li l-Qorti ma tistax tiskarta, billi tinjora totalment, il-fatt li kienu nzammu investigazzjonijiet mill-Pulizija li gew rilaxxjati mill-konvenut stqarrijiet ta' ammissjoni, u li kien hemm decizjoni kontrih moghtija mill-Qorti tal-Magistrati. Hu veru li l-azzjoni civili timxi indipendentement minn dik kriminali, tant li anke tista' twassal ghal ezitu differenti, izda meta l-konvenut jitla' jixhed u jghid li huwa ma jiftakar xejn mill-proceduri, hekk istitwiti kontrieh, qisu twieled il-bierah, u jghid li ma kellu idea ta' xejn, allura xhieda simili bilfors trid tinghata piz meta l-Qorti tigi biex tevalwa u tikkunsidra l-aspett ta' kredibilita' ta' xhieda u l-attendibilita' o meno ta' verzjoni minn ohra.

Dwar responsabbilta', il-Qorti hija tal-fehma li hemm provi sufficjenti, minkejja l-amnezija totali ghall-akkadut ipprofessata mill-konvenut bil-guramenti, li tassew huwa kien involut flimkien ma' Tarcisio Gatt u possibilment ma' nies ohrajn f'operazzjoni frawdolenti a skapitu u detriment tas-socjeta' attrici. Hekk jirrizulta li fiz-zmien meta l-konvenut kien jahdem bhala "store-keeper" mas-socjeta' attrici u kellu nkariku biex jissorvelja l-

partiti tal-laham li kien jitwassal fil-lukanda Salina Bay Hotel u jikkontrolla x'ammont f'piz jigi hekk imwassal mid-distributuri, huwa kien ihawwad u jhalli minn ihawwad, b'qerq, l-entrati rispettivi ta' dawn il-forrnituri kwantu ghal dak li jikkoncerna l-piz u l-prezzijiet relativi. Irrizulta ukoll li ta' dan l-operat qarrieqi u illecitu l-konvenut inkassa flejjes f'medda ta' erba' snin u nofs cirka u cjoe' bejn is-snin 1975 u 1978, sakemm cjoe' d-dirigenti tal-lukanda skoprew l-ingann u wara li l-konvenut u Gatt ukoll, ma waslux f'akkordju bonarju biex jigu rifuzi dawk il-flus biex jaghmlu tajjeb ghan-nuqqasijiet u danni kkagonati, allura l-kaz gie riferit lill-Pulizija.

Ittiehdu proceduri gudizzjarji fil-Qorti tal-Magistrati li, inter alia, waslu ghal kundanna kontra l-konvenut - ara sentenza a fol 125 - 127 tal-process, moghtija fl-24 ta' Jannar 1983.

Minbarra dan, hemm xhieda migbura mill-perit legali l-Avukat (Illum Magistrat) Noel Cuschieri fejn ir-responsabbilita' tal-konvenut Zarb tohrog netta.

Din ix-xhieda nghatat in konnessjoni u riferibbilment ghal din il-kawza u mhux kawzi ohrajn kontra terzi. In partikolari, issir referenza ghax-xhieda tal-attur nomine moghtija fis-16 ta' Marzu 1983 - a fol. 84 - 86 tal-process. U dik sussegwenti tat-23 ta' Marzu 1983, a fol 86 - 88, li ma gietx kontradetta. Ghalhekk dwar ir-responsabbilta' mhemmx lok ta' aktar indagni, ghax ikun ezercizju superfluwu billi din kjarament tirrizulta.

Dwar il-quantum tad-danni, il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq li mhijiex daqstant impressjonata b'dak li gie prodott bhala provi f'dan ir-rigward. L-Avukat Dottor Joseph Fenech xehed li l-konvenut kien accetta, f'xi zmien, li jhallas, jew ahjar jirrifondi, l-ammont ta' disgha u ghoxrin elf lira Maltin (Lm29,000). Fl-istess waqt, fl-investigazzjonijiet kriminali s-somma imsemmija kienet ferm akbar, igifieri Lm40,000. L-"accountant" imqabbad mill-Qorti, Joseph Zammit Tabone (erronjament indikat f'partijiet tal-process bhala Joseph N. Tabone, persuna ohra) hejja prospett li jokkontjeni l-figura kumplessiva ta' Lm29,948.067 ara Dok SP1 - fol 124 u jidher li l-konvenut beda jaccetta li jhallas dana l-ammont - skond ma ddepona l-Avukat Fenech - wara li sema' l-ispjegazzjoni moghtija lilu mill-accountant ghalkemm kien staghgeb kif intlahqet din il-figura. Il-konvenut allegatament stqarr mal-Pulizija li kien iffrawda lill-attur nomine b'ammont ta' bejn Lm1000 u Lm2000, li in segwitu tela' ghal Lm8,000 (tmint elef lira Maltin) cirka.

Il-konvenut pero' xehed li huwa rrilaxxja dawn l-istqarrijiet meta kien taht pressjoni qawwija.

Il-Qorti jidrilha li ma harget qatt cara l-prova dwar kemm kienet sewwa sew l-parti, f'termini pekunjarji, li giet ippercepita u inkassata mill-konvenut. Hadet anzi l-impressjoni li l-maggor parti tal-ammonti misruqa lis-socjeta' attrici marru gewwa l-but ta' Tarcisio Gatt u mhux ghand il-konvenut. Hemm di fatti xhieda fis-sens li l-konvenut bhal donnu gie konxju tal-fatt li ghada jew pitghada l-qerq kien ser johrog fil-berah u allura huwa kien wissa lil Gatt biex ma jesagerax fit-tahwid li kien

jikteb fl-"invoices" relattivi ghall-konsenji tal-laham. Rinfaccjata ghalhekk b'dan kollu, il-Qorti jidrilha li ghandha tillikwida hi arbitrio boni viri l-ammont dovut mill-konvenut Zarb in linea tad-danni tenut kont naturalment tal-kwantitajiet ta' laham involuti u tac-cifri msemmijin u kkalkolati mill-komputista Zammit Tabone u dana fuq medda ta' zmien li jkopri erba' snin u nofs kif gja' ntqal supra. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li ghanda tistabbilixxi medja ta' Lm150 (mija u hamsin lira Maltin) fix-xahar fuq perijodu ta' erba' snin u nofs, u cjoe:-

Lm150 x 12 x 4 1/2 = Lm8,100 = minn dana l-ammont irid jitnaqqas l-ammont ta' Lm200 li l-konvenut kien gie kkundannat ihallas lill-attur nomine akkont tad-danni (ara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati surreferita) u li prezummibilment jinsab imhallas. Ifisser ghalhekk li b'kollox lil-konvenut Zarb qed jigi ddikjarat debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm7,900 = (Lm8,100 nieqes Lm2,00) - sebat elef u disa' mitt lira Maltin.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti b'dana ghalhekk li qeghda tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine l-ammont fuq imsemmi ta' Lm7,900 = (sebat elef u disa' mitt lira Maltin), bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghu.

**Onor. Imhallef Joseph A. Filletti Deputat Registratur**